## Il-Ħadd, 13 ta' Settembru 2020

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Is-Saltna tas-Smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu ... Wieħed qaddej inxteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu: 'Sinjur, stabar ftit bija, kollox irroddlok.' Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu.' Mela dak il-qaddej joħroġ, u jiltaqa' ma' wieħed minn sħabu ... 'Ħallas dejnek,' qallu. Il-qaddej sieħbu nxteħet quddiemu jitolbu bil-ħniena u jgħidlu: 'Stabar ftit bija u rroddlok.' Imma dak ma riedx jaf, mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kull ma kellu jagħtih."

***Mill-Evanġelju skont San Mattew, kapitlu 18, versi 23. 26-30***

# 201

"Il-parabbola tgħidilna li, kif Alla jaħfer lilna, hekk aħna għandna naħfru lil min jagħmlilna xi ħsara. Hija l-karezza tal-maħfra. Il-qalb li taħfer tikkarezza. Din l-attitudni hija ferm 'il bogħod mill-kliem: 'Imma jkollu jħallas ta' dan!' Il-maħfra hija xi ħaġ'oħra. Hija eżattament dak li Ġesù jgħallimna fit-talba tal-Missierna: 'Aħfrilna dnubietna kif aħna naħfru lil min hu ħati għalina.' Id-djun huma dnubietna quddiem Alla, u kull min hu midjun magħna huwa dak li aħna wkoll jeħtieġ li naħfrulu."

PAPA FRANĠISKU, *Meditazzjoni,*
Santa Maria degli Angeli, Assisi, 4 Awwissu 2016

*Il-maħfra,
x'post għandha
f'ħajti?*

*Hemm xi persuni
li nħoss
li għamluli
xi ħsara
u li minħabba
f'hekk
għadni mwaħħal
fin-nuqqas
ta' maħfra?*

# Biex kulħadd imur tajjeb

Kemm mirakli tagħmel, Mulej, il-maħfra!
Kemm tibdel attitudnijiet!
Kemm 'dejn' jisfa' fix-xejn!
Kemm ħars ikrah jgħib minn fuq l-uċuħ!
Kemm ebusija tirtab!
Kemm ħitan jaqgħu!
Kemm paċi titnissel mill-ġdid
fil-qalb ta' min jagħtiha
u fil-qalb ta' min jirċeviha!
Bil-maħfra
kulħadd imur tajjeb!
Ħa tkun il-maħfra bla limiti li tagħtina Inti
li tixprunana
biex noffruha aħna wkoll
kull meta meħtieġ,
kull fejn meħtieġ.

## It-Tnejn, 14 ta' Settembru 2020

Ġesù qal lil Nikodemu:
"Ħadd ma tela' s-sema ħlief
Bin il-bniedem, li niżel mis-sema.
U kif Mosè rafa' s-serp fid-deżert,
hekk jeħtieġ li jkun merfugħ
Bin il-bniedem,
biex kull min jemmen fih
ikollu l-ħajja ta' dejjem.
Għax Alla hekk ħabb lid-dinja
li ta lil Ibnu l-waħdieni,
biex kull min jemmen fih
ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja
ta' dejjem. Għax Alla
ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja
biex jagħmel ħaqq mid-dinja,
imma biex id-dinja ssalva
permezz tiegħu."

***Mill-Evanġelju skont San Ġwann,***
***kapitlu 3, versi 13-17***



"Il-ħolma li għaliha Ġesù ta ħajtu
fuq is-salib u l-Ispirtu s-Santu
ssawwab u ssiġġilla bin-nar tiegħu
dakinhar ta' Għid il-Ħamsin
fil-qalb ta' kulħadd ...
hu ssiġġillaha bit-tama li ssib
il-wisa' fejn tikber u tiżviluppa.
Ħolma, ħolma jisimha Ġesù,
miżrugħa mill-Missier:
Alla bħalu - bħall-Missier -
mibgħut mill-Missier bil-fiduċja li
għad tikber u tgħammar f'kull qalb.
Ħolma konkreta, li hi Persuna,
li tbaqbaq fil-vini tagħna,
li biha l-qalb tħabbat u togħla."

PAPA FRANĠISKU, *Diskors*, Ċerimonja tal-Ftuħ,
Jum Dinji taż-Żgħażagħ, Panama, 24 Jannar 2019

*X'viżjoni tat-tbatija jgħaddili Kristu Msallab?*

*Kemm qed inħalliha tinfluwenzani?*

# Biex togħla l-qalb

Is-Salib tiegħek, Mulej,
ngħolluh 'il fuq u neżaltawh
għax bik fuqu
u bik marbut miegħu
huwa Salib li jgħolli lilna 'l fuq,
huwa Salib li jgħolli lill-qalb tagħna.
Inti, permezz tas-Salib,
tiżra' l-ħolma tal-Missier fil-qalb tagħna;
Inti, permezz tas-Salib,
tiżra' mħabbtu fil-qalb tagħna;
Inti, permezz tas-Salib,
tiżra' lilek innifsek fil-qalb tagħna;
Inti, permezz tas-Salib,
tiżra' t-tama fil-qalb tagħna;
Inti, permezz tas-Salib,
tiżra' l-ħajja ta' dejjem fil-qalb tagħna.

## It-Tlieta, 15 ta' Settembru 2020

Ġesù mar f'belt jisimha Najn ...
Kif wasal qrib il-bieb tal-belt,
kienu qegħdin iġorru wieħed
mejjet li ommu, mara armla,
ma kellhiex ħliefu; u magħha
kien hemm għadd ġmielu ta' nies
mill-belt. Kif raha l-Mulej tħassarha
u qalilha: "Tibkix!" Resaq, u mess
it-tebut. Dawk li kienu qegħdin
jerfgħuh waqfu. U hu qal:
"Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek,
qum!" U l-mejjet qam bilqiegħda
u beda jitkellem. U Ġesù tah lil
ommu. In-nies tkexkxu bil-biża',
u bdew jagħtu glorja lil Alla
u jgħidu: "Profeta kbir qam fostna",
u: "Alla żar il-poplu tiegħu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 7, versi 11-16***

# 203

"Li nersqu jfisser
li mmissu r-realtà b'idejna,
mhux li noqogħdu nħarsu
mill-bogħod. Ġesù, l-ewwel iħoss
il-ħniena, u mbagħad jersaq
u jwettaq il-miraklu. Ma jibqax
għaddej: jersaq lejn iż-żagħżugħ
u jagħtih lura lil ommu.
Ġesù jagħmel il-mirakli
biex irodd lura, biex lill-persuna
jerġa' jqegħedha f'postha.
Dan hu li għamel bil-fidwa:
resaq lejna, u lilna lkoll reġġagħna
lura lejn id-dinijità ta' wlied Alla.
Reġa' ħalaqna lkoll mill-ġdid."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 19 Settembru 2017

*Fiex*
*inħossni miżeru*
*jien?*

*Lil Alla*
*nħalliH imiss*
*il-miżerja tiegħi?*

# Quddiem il-miżerja

Kull meta tersaq lejna l-bnedmin, Mulej,
dan Inti tagħmlu
biex tgħinna nieqfu fuq saqajna mill-ġdid.
Tarana nieqsa mill-ħajja,
u Inti tagħtihielna;
tarana bla ħeġġa u entużjażmu,
u Inti terġa' xxettilhom fina;
tarana ninġarru mill-biżgħat tagħna,
u Inti tqawwina;
tarana mbikkija,
u Inti tagħtina l-faraġ tiegħek;
tarana mċaħħda minn min jista' jweżinna,
u Inti tipprovdilna għajnuna f'waqtha.
Grazzi, Mulej, tal-attenzjoni mimlija kompassjoni
li Inti għandek għall-bnedmin.
Agħmel li aħna wkoll niddakkru minnek.

## L-Erbgħa, 16 ta' Settembru 2020

Il-Mulej qal: "Ma' min
se nxebbahhom in-nies ta' dan
iż-żmien? Lil min jixbhu? Jixbhu
lil qabda tfal bilqiegħda fil-pjazza,
jgħajtu lil xulxin u jgħidu:
'Daqqejnielkom il-flawt
u ma żfintux,
għannejnielkom għanja ta' niket
u ma ħabbattux fuq sidirkom!'
Għax tassew, ġie Ġwanni l-Battista,
la jiekol ħobż u lanqas jixrob inbid,
u intom tgħidu li 'għandu fih xitan.'
Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob,
u tgħidu: 'Araw, xi bniedem wikkiel
u sakranazz, ħabib tal-pubblikani
u l-midinbin!' Imma l-ulied ta' Alla
kollha taw raġun lill-għerf tiegħu."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa,***
***kapitlu 7, versi 31-35***

# 204

"Ix-xewqa waħdanija
ta' Alla
hi li jsalva lill-bniedem,
imma l-problema hi
li spiss
il-bniedem
irid jiddetta hu
r-regoli tas-salvazzjoni.
Dan hu l-paradoss drammatiku
li nsibu
fil-paġni tal-Bibbja,
liema paradoss
jilħaq il-milja tiegħu
fil-miġja ta' Kristu
fuq din l-art."

PAPA FRANĠISKU,
*Meditazzjoni*, 3 Ottubru 2014

*Naf x'inhu l-metodu ta' kif Alla jsalva?*

*Naċċettah tabilħaqq jew nivvinta metodi oħra?*

# Il-metodu ta' Alla

X'ħabta għandna, Mulej,
nirreżistu l-pjan ta' Alla Missierek
ta' kif isalvana!
Irridu ngħidulu aħna
kif jagħtihielna s-salvazzjoni tiegħu!
Irridu nagħmlu l-kundizzjonijiet
aħna ta' kif insalvaw!
Tħalliniex, Mulej, niġru wara salvazzjoni finta,
dik is-salvazzjoni
li nkunu fassalnieha aħna bil-metodi tagħna,
u mhux bil-metodu tiegħU;
għax tkun allura salvazzjoni
ġejja minna nfusna,
u mhux minnU.
Tħalliniex, Mulej, ningħalqu
għall-Għerf tiegħek.

## Il-Ħamis, 17 ta' Settembru 2020

Wieħed mill-Fariżej stieden lil Ġesù biex jiekol miegħu; Ġesù daħal għand il-Fariżew u qagħad għall-ikel. Issa fil-belt kien hemm midinba magħrufa. Din saret taf li kien qiegħed għall-ikel fid-dar tal-Fariżew; ġiebet vażett tal-alabastru biż-żejt ifuħ; u marret qagħdet warajh ħdejn riġlejh, tibki u xxarrablu riġlejh bi dmugħha u tixxuttahomlu b'xuxitha; imbagħad bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ. Kif ra hekk il-Fariżew li stiednu qal bejnu u bejn ruħu: "Dan, li kien profeta, kien ikun jaf min hi u x'mara hi din li qiegħda tmissu; kien ikun jaf, għax hi midinba!"

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 7, versi 36-39***



"Minn naħa għandna l-wiċċ b'ieħor tal-Fariżew, min-naħa l-oħra għandna s-sinċerità, l-umiltà u l-fidi tal-mara. Aħna lkoll midinba, imma ħafna drabi naqgħu fit-tentazzjoni tal-wiċċ b'ieħor, li naħsbu li aħna aħjar mill-oħrajn, u nippuntaw lejn id-dnub ta' ħaddieħor. Imma lkoll kemm aħna għandna nħarsu lejn id-dnub tagħna, il-waqgħat tagħna, l-iżbalji tagħna, u ndawru ħarsitna fuq il-Mulej."

PAPA FRANĠISKU,
*Udjenza Ġenerali,* 20 April 2016

*Jien*
*inħossni aħjar*
*minn*
*ħaddieħor?*

*X'noffri jien*
*lil min*
*f'għajnejja*
*jiżbalja?*

# F'baħar wieħed

It-tentazzjoni
li jiena nħossni aħjar minn ħaddieħor
hemm qiegħda, Mulej.
U kull darba li nċedi għaliha,
erħini nippoppa żaqqi
quddiem l-oħrajn
b'arja ta' superjorità,
l-aktar quddiem dawk
li dnubhom huwa magħruf
iktar minn tiegħi.
Agħtini l-grazzja tas-sinċerità tal-mara midinba
biex bħalha nagħraf li jiena midneb.
Agħtini l-grazzja tal-umiltà tal-mara midinba
biex bħalha nagħraf il-ħtieġa li nibki dnubieti.
Agħtini l-grazzja tal-fidi tal-mara midinba
biex bħalha nagħraf indawwar ħarsti lejk.

## Il-Ġimgħa, 18 ta' Settembru 2020

Ġesù qagħad idur
l-ibliet u l-irħula,
jipprietka u jxandar
l-Evanġelju tas-Saltna ta' Alla.
Kellu miegħu t-Tnax
u xi nisa
li kien fejjaqhom mill-ispirti
ħżiena u mill-mard:
Marija,
li kienu jgħidulha ta' Magdala,
li minnha kienu ħarġu seba' xjaten,
Ġwanna,
mart Ħuża, prokuratur ta' Erodi,
Susanna,
u ħafna oħrajn,
li kienu jaqduhom
minn ġidhom.

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 8, versi 1-3***

# 206

"Bl-istess imħabba li Ġesù jsawwab fina, aħna nistgħu nħobbuh, u nwasslu mħabbtu lill-oħrajn, fit-tama li huma wkoll isibu posthom fil-komunità ta' ħbiberija mwaqqfa minn Ġesù Kristu. U għalkemm Ġesù diġà qed igawdi l-hena sħiħ tal-qawmien tiegħu, nistgħu nkunu ġenerużi miegħu, ngħinuh jibni Saltnatu f'din id-dinja, inkunu strumenti tiegħu biex inwasslu l-messaġġ tiegħu, id-dawl tiegħu u fuq kollox imħabbtu lill-oħrajn."

PAPA FRANĠISKU,
Eżortazzjoni Appostolika, *Christus Vivit,*
nru 153, 25 Marzu 2019

# Daqqa t'id

*Kemm jien grat*
*li Alla*
*jagħmilni*
*sieħeb tiegħu*
*fil-bini*
*ta' Saltnatu?*

*Kif qed ngħixha*
*din is-sejħa?*

Meta kont iddur il-postijiet, Mulej,
ixxandar is-Saltna ta' Alla,
kellek miegħek biex jgħinuk
kemm l-Appostli u kemm xi nisa
li kienu ġarrbu l-fejqan li taf tagħti Int.
Hekk ukoll illum:
Inti trid lilna
biex ngħinuk tibni s-Saltna ta' Alla fuq l-art.
Inqeda bina, Mulej,
ħalli jasal l-Evanġelju tiegħek kull fejn inkunu,
u jkunu ħafna li jduqu l-benna tiegħu;
ħalli jasal id-dawl tiegħek kull fejn inkunu,
u jkunu ħafna li jilqgħuh;
ħalli tasal imħabbtek kull fejn inkunu,
u jkunu ħafna li jkebbu lilhom infushom fiha.
Inqeda bina, Mulej.

## Is-Sibt, 19 ta' Settembru 2020

Id-dixxipli staqsew lil Ġesù x'kienet dik il-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra'. U hu qalilhom: "Iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla. Dawk ta' matul il-mogħdija huma dawk li jisimgħu, imbagħad jiġi x-Xitan u jaħtfilhom il-kelma minn qalbhom. Dawk ta' fuq il-blat huma dawk li, meta jisimgħu l-kelma, jilqgħuha bil-ferħ, iżda billi ma jkollhomx għeruq jemmnu għal ftit. Dawk li jaqgħu qalb ix-xewk huma dawk li jisimgħu, iżda l-inkwiet żejjed u l-għana u l-pjaċiri tal-ħajja joħonquhom. Imma dawk li jaqgħu f'art tajba huma dawk li jisimgħu l-kelma, jgħożżuha, u jagħmlu l-frott billi jżommu sħiħ."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 8, versi 9-15***



"Ġesù jistedinna nħarsu fina nfusna: irroddu ħajr għall-art li għandna aħna u naħdmu fuq l-artijiet li għadhom mhumiex tajbin. Insaqsu lilna nfusna jekk qalbna hijiex miftuħa biex tilqa' bil-fidi ż-żerriegħa tal-Kelma t'Alla. Insaqsu lilna nfusna jekk iż-żrar tal-għażż tagħna huwiex kbir fil-għadd jew fid-daqs: ejjew nagħrfu l-arbuxelli tal-vizzjijiet tagħna u nsejħulhom b'isimhom. Infittxu fina l-kuraġġ biex nagħtu kinsa tajba lill-art tagħna, kinsa tajba lill-qalb tagħna."

PAPA FRANĠISKU,
*Angelus*, 16 Lulju 2017

*Liema huma*
*r-reżistenzi*
*li ħajti*
*qed tagħmel*
*lill-Kelma*
*ta' Alla?*

*X'deċiżjonijiet*
*irrid nieħu*
*biex jonqsu*
*dawn*
*ir-reżistenzi?*

# Kinsa tajba

Il-ħajja tagħna, Mulej,
hija taħlita tat-tajjeb u tal-ħażin.
Tħalliniex nibżgħu nikkonfrontawha
mal-kelma tiegħek:
tħalliniex noqogħdu lura
milli nħalluha tqawwina
fl-isforzi tajbin
li nkunu qegħdin nagħmlu;
tħalliniex nibżgħu nħalluha turina wkoll
fejn inkunu qegħdin nirreżistuha,
fejn jeħtieġ
li allura nagħmlu sforz ikbar
biex din kelmtek
tkun tista' tħalli fina l-frott,
u frott bil-kbir,
kif inhi x-xewqa tiegħek.